15 ta' April, 1947.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., Pres.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re

*versus*

Frangisk Saverju Aquilina

**Provi — Konfessjoni ta' l-Imputat — Art. 654 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-konfessjoni ta' l-akkużat mhix ammissibili bħala prova kontra tiegħu jekk, "inter alia", tkun ġiet ottenuta bi promessa ta' vantaġġ.*

*Jekk mill-atti ta' l-istruzzjoni ma jirriżultax li dik il-konfessjoni ġiet hekk ottenuta, allura huwa l-każ li wieħed jgħid li dik il-prova trid tirriżulta mill-eskussjoni tax-xhieda fil-proċess; u dana huwa apprezzament ta' provi li huwa ta' kompetenza biss tal-ġurati, u huma biss kompetenti biex jgħidu jekk "bħala fatt" kienx hemm dik l-allegata promessa ta' vantaġġ.*

*Din mhix kwistjoni legali li għandha tiġi deċiża qabel ma jibda s-smigħ tal-provi quddiem il-ġurati; u f'każ simili l-Qorti tista' biss, u għandha d-dmir, li tgħid lill-ġurati, fl-indirizz, li jekk huma, wara li jkunu saru l-provi, jaslu, bħala materja ta' apprezzament, għall-konklużjoni li kien hemm fil-fatt l-allegata promessa ta' vantaġġ, allura, bħala liġi li fuqha huma għandhom isegwu d-direttivi tal-Qorti, għandhom jiskartaw dik il-konfessjoni daqs li kieku qatt ma nġiebet quddiemhom.*

Il-Qorti. — Rat in-nota ta' l-akkużat li biha eċċepixxa l-inammissibilità ta' dik il-parti tad-depożizzjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni P.S. Carmelo Grech, P.C. Joseph Abela, u Spettur Gregory Sciciuna fejn tinsab il-pretiża konfessjoni ta' l-akkużat dwar is-serq lilu addebitat, u dana għaliex dik il-konfessjoni, jekk qatt saret, ġiet meħuda bi promessa ta' vantaġġ;

*Omissis;*

Irriflettiet;

Illi ma hemmx dubju li skond it-test preċiż ta' l-art. 654 Kap. 12, il-konfessjoni ta' l-akkużat ma hix ammissibili bħala prova jekk, "inter alia", tkun ġiet ottenuta bi promessa ta' vantaġġ;

Illi fl-istat ta' l-attijiet, jigifieri mill-attijiet ta' l-istruttorja, ma jemergi ebda fatt pożitiv u indiskutibili li juri li kien hemm il-promessa ta' vantaġġ allegata mid-difiża;

Illi għalhekk hu leċitu l' wieħed igħid illi d-difiża qiegħda tipproponi li tagħmel dina l-prova ta' l-allegata promessa ta' vantaġġ fil-kors ta' l-eskussjoni tax-xhieda;

Illi għalhekk l-eżistenza jew le ta' dina l-allegata promessa ta' vantaġġ sejra verosimilment tiddependi minn apprezzament tal-provi;

Illi ma jistax ċertament jiġi revokat f'dubju illi fil-proċess bil-ġurati l-apprezzament ta' provi hi ħaġa li tmiss lilhom biss, u mhux lill-imħalfin togati;

Illi konsegwentement id-deċiżjoni jekk kienx hemm jew le, "bħala fatt", l-allegata promessa, hi materja ta' kompetenza biss tal-ġurati. "The trial by jury", qal Sir Thomas Maitland, Gvernatur ta' Malta, fl-indirizz lill-ġurati li għamel bħala First Commissioner fis-16 ta' Novembru 1815, fil-Qorti tal-Piraterija hawn Malta, "is founded upon this axiom, derived to us from the earliest ages of our Constitution, that in all judicial enquiries the most effectual way to guard against the abuse of power is to divide such enquiries into two distinct branches, viz. the fact and the law; to place the fact under the immediate consideration and decision of the sound and impartial judgment of the fellow-subjects of the individual concerned; to leave the law to be decided on by persons whose education and habits fit them alone for such decisions............" Hekk ukoll Sir John Stoddard, Prim Imħallef ta' Malta, fid-diskors li għamel fl-inizju tas-sistema tal-ġuri f'Malta (15 ta' Frar 1830), wissa lill-ġurati illi kienu huma biss li kellhom id-dmir "to determine what part of the evidence produced shall be believed", u illi l-imħallfin togati "ought not to deliver a positive opinion that the fact is proved" (ara wkoll is-setgħat tal-Jury u tal-Qorti kif imqassmin fl-art. 448 Kap. 12);

Illi l-art. 473 Kap. 12, invokat mid-difiża, jirriferixxi evidentement għal fatti pożitivi u indiskutibili, u mhux għal fatti li jiddependu minn apprezzament ta' provi;

Illi ma hux eżatt li wieħed igħid illi l-kwistjonijiet legali għandhom dejjem jiġu deċiżi qabel ma jibda s-smiegħ tal-

provi quddiem il-ġurati. Meta s-soluzzjoni tal-kwistjoni legali tkun tiddependi "minn apprezzament ta' provi", allura l-Qorti ma tistax tgħaddi biex tagħmel hija l-apprezzament tal-provi u taqta' l-pont legali; għaliex tkun qiegħda tivvjola l-prinċipju fondamentali fuq spjegat u tinvadi l-isfera tas-setgħat tal-jury. F'każ simili l-Qorti tista' biss, u għandha d-dmir li tgħid lill-ġurati, fl-indirizz, li jekk huma, wara li jqisu l-provi, jaslu, bħala materja ta' apprezzament, għall-konklużjoni illi kien hemm fil-fatt l-allegata promessa ta' vantaġġ, allura, bħala liġi, li fuqha l-ġurati għandhom isegwu d-direttivi tal-Qorti, huma għandhom jiskartaw il-konfessjoni daqs li kieku qatt ma ngiebet quddiemhom, billi ssir fl-indirizz enfasi fuq il-pont illi, jekk il-ġurati bħala fatt jirritjenu illi l-promessa saret, allura ma jistgħux jarbitraw jaċċettawhiex jew le, imma bħala liġi għandhom jiskartawha. B'dana l-mod ikun tutelat il-prinċipju bażilari tat-tqassim tas-setgħat tal-Qorti u tal-Jury;

Illi, b'konferma ta' dan, jista' jiġi osservat illi preċiżament fl-art. 476, li fih il-liġi titkellem fuq il-kontenut ta' l-indirizz tal-Qorti, jingħad illi għandu jiġi spjegat lill-Jury kwalunkwe "pont tal-liġi" konness mad-dmirijiet tagħhom. Dan juri li, anki wara l-istadju preliminari, jista' jkun hemm lok għal kwistjonijiet ta' liġi "dipendenti minn apprezzament ta' fatt", bħal każ ta' konfessjoni li tidher "prima facie" ammissibili, imma li fil-kors tas-smigħ tal-provi tiġi kontestata bil-prova ta' promessa ta' vantaġġ. Kien għalhekk li Sir John Stoddard, fid-diskors tiegħu fuq imsemmi (para. 78), qal lill-ġurati :— "It may probably happen that evidence, at first sight, appears to be legal and proper for your consideration, which afterwards, in whole or in part, turns out not to be so. For instance, a confession may be made by a prisoner, and may, when first offered to the Court, appear to have been made voluntarily; but upon further enquiry this confession may turn out to have been extorted by the most unlawful means.............. In all such cases the evidence, though apparently produced, has not been legally produced, and therefore must be dismissed from your consideration, as much as if it had not been produced at all";

Illi għalhekk il-prinċipju korrett hu illi meta l-kwistjoni

ta' l-ammissibilità jew ie tal-konfessjoni tkun tiddependi ma hux minn fatt pożitiv u indiskutibili, imma minn apprezzament ta' provi, allura l-Qorti ma tistax tisma' hija l-provi, tagħmel hija l-apprezzament tagħhom b'użurpazzjoni tal-funzjonijiet tal-jury, u taqta' l-pont ta' l-ammissibilità, imma għandha tħalli dan l-apprezzament lill-jury, u tagħti lill-jury d-direzzjonijiet dwar il-konsegwenzi legali, kwante volte l-jury jasal fl-opinjoni li promessa fil-fatt kien hemm;

Illi dina kienet sal-lum, u minn aktar minn mitt sena 'l hawn, il-prattika tradizzjonali ta' dawna l-Qrati;

Għalhekk il-Qorti tiddefinixxi l-eċċezzjoni fis-sens li, għal issa, tiddikjara ammissibili x-xhiediet kontestati, salv lid-difiża li tagħmel, fil-kors tal-proċess, il-provi li jidhrilha dwar l-allegata promessa ta' vantaġġ, u salv lill-Qorti, ordinarjament kostitwita, li tagħti dwar daqshekk id-direttivi oppor tuni bħala pont ta' liġi;

Il-kawża tibqa' differita għat-30 ta' Mejju 1947 għattrattazzjoni ulterjuri tagħha.